V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8510 — Robert Tönnies/Clemens Tönnies/Zur Mühlen Group u Asset Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 186/09)

1. Fit-2 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-persuni fiżiċi Clemens Tönnies u n-neputi tiegħu Robert Tönnies jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Zur Mühlen ApS & Co. KG kollha ("Zur Mühlen Group", il-Ġermanja) u ta' Zur Mühlen Holding III GmbH (li qabel kienet topera bħala Asset Verwaltungs GmbH), Heinrich Nölke GmbH & Co KG, Döllinghareico GmbH & Co KG, u Emslandhaus Fleischwaren GmbH (iktar 'il quddiem, flimkien, imsejħa "Asset Group", il-Ġermanja). Clemens u Robert Tönnies diġà jikkontrollaw konġuntement lil Tönnies Holding GmbH & Co. KG, Tönnies Holding-Unternehmensbeteiligung GmbH, Weidemark Fleischwaren Beteiligungsgesellschaft mbH, Tönnies Grundbesitz GmbH & Co. KG, u Tönnies Russland Agrar GmbH kif ukoll is-sussidjarji tagħhom (flimkien imsejħa "Tönnies Group", il-Ġermanja).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Clemens u Robert Tönnies jikkontrollaw konġuntament it-Tönnies Group, li huwa attiv fil-qasam tal-qtil tal-ħnieżer u tal-baqar (kif ukoll fit-tqattigħ u fid-dissussar tal-laħam), tal-bejgħ ta' laħam frisk, tal-ipproċessar tal-laħam u tal-użu tal-iskart mill-biċċeriji, u jipprovdi servizzi relatati mal-loġistika. It-Tönnies Group jopera biċċeriji fil-Ġermanja, fid-Danimarka u fil-Polonja. Filwaqt li n-negozju tal-biċċeriji aktar 'il fuq fil-katina ta' attivitajiet jikkostitwixxi l-qalba tal-attivitajiet kummerċjali, Tönnies għandu wkoll faċilitajiet tal-ipproċessar tal-laħam fil-Ġermanja, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fi Franza u fil-Polonja.

— Clemens Tönnies bħalissa għandu l-kontroll esklussiv taż-Zur Mühlen Group, li huwa attiv fis-settur tal-laħam ipproċessat u jopera faċilitajiet tal-ipproċessar tal-laħam fil-Ġermanja u fil-Polonja. Il-prodotti li joffri jinkludu għadd kbir ta' prodotti tal-laħam ipproċessat, li l-maġġoranza tagħhom huma laħam tal-majjal, iżda jinkludi wkoll prodotti magħmula minn laħam taċ-ċanga u tat-tjur.

— Clemens Tönnies jikkontrolla wkoll, b'mod esklussiv jew f'partijiet, konġuntement ma' ibnu Maximilian Tönnies, l-Asset Group, li huwa attiv ukoll fil-qasam ta' prodotti tal-laħam ipproċessat. Huma joperaw faċilitajiet tal-ipproċessar tal-laħam fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8510 — Robert Tönnies/Clemens Tönnies/Zur Mühlen Group u Asset Group, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË